A.L. 40 ta' l-1990

ATT DWAR ID-DJAR
(KAP. 125)

Regolamenti ta' l-1990 dwar it-Tneħħija ta' Mobbli minn Bini Rekwiżizzjonat

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 14 ta' l-Att dwar id-Djar, il-Ministru tal-Politika Soċjali, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 dwar it-Tneħħija ta' Mobbli minn Bini Rekwiżizzjonat. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra — Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar id-Djar; Kap. 125.

"Direttur" tfisser id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali; u

"mobbli" tfisser għamara jew ħwejjeġ oħra, kollha kemm huma jew biċċa minnhom, li jinsabu f'bini rekwiżizzjonat bis-saħħa ta' dan l-Att; jew li jitneħħew minnu.

3. (a) Id-Direttur jista' jordna l-bejgħ ta' mobbli fil-każ — Tneħħija ta' mobbli.

(i) meta jkunu skadew tliet xhur jew iktar mid-data tal-ġarr, jew tal-ħażna alternattiva, tal-mobbli skond is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att, u r-rekwiżizzjonat ikun naqas li jikkonforma ruħu ma' talba li ssirlu mid-Direttur permezz ta' ittra uffiċjali sabiex fi żmien ħmistax-il jum minn notifika tal-ittra uffiċjali, ir-rekwiżizzjonat jieħu lura dawk il-mobbli; jew

(ii) meta jkunu skadew sitt xhur jew iktar mid-data tal-ġarr u ħażna tal-mobbli skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att, u ħadd ma jinstab li għandu l-jedd dirett li jgħammar fil-bini rekwiżizzjonat, jew il-prokuratur tiegħu jew min jidher għalih, fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni mid-Direttur fil-Gazzetta u fi tliet ġurnali lokali ta' Avviż li bih isejjaħ lil xi wieħed jew iktar minn dawk il-persuni msemmija qabel sabiex jieħdu lura dawk il-mobbli; jew

(iii) ta' dawk il-mobbli li setgħu inġarrew u nħażnu skond is-subartikoli (7) u (8) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att, u fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jkunu għadhom ma tteħdux lura mill-persuni konċernati, fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' Avviż mid-Direttur fil-Gazzetta u fi tliet ġurnali lokali, li bih isejjaħ lil

dawk il-persuni sabiex jieħdu lura dawk il-mobbli wara li jġibu prova suffiċjenti tat-titolu tagħhom dwar dawk il-mobbli jew iġibu dik il-garanzija li d-Direttur iqis suffiċjenti, li tkun ta' indennizz għalih kontra kull talba li jkollha x'taqsam mat-teħid lura ta' dawk il-mobbli minn dawk il-persuni,

u d-Direttur jista' jutilizza l-qliegħ li jsir l-ewwel sabiex jikkumpensa kull dritt dovut lid-Dipartiment għall-ġarr jew ħażna, u sussegwentement sabiex jirrifondi kull bilanċ li jifdal favur dawk il-persuni li kien ikollhom jedd li jieħdu lura il-mobbli.

(b) Kull bejgħ li jsir skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu ta' qabel dan għandu jsir jew b'irkant pubbliku jew wara sejħa għall-offerti.

(ċ) Dawk il-mobbli li jibqgħu ma jinbiegħux wara li jkunu tqegħdu għall-bejgħ jew b'irkant pubbliku jew wara sejħa għall-offerta, għandhom jitneħħew mid-Direttur fid-diskrezzjoni tiegħu wara li jkun, flimkien ma' rappreżentant ta' l-*Accountant General*, fittex li jikseb l-aħjar valur fi flus likwidi, jekk dan ikun jista' jsir fiċ-ċirkostanzi, għal dawk il-mobbli, u sakemm jinżamm notament tal-proċedimenti kollha mittieħda dwar kull partita partikulari ta' mobbli li jitneħħew.

Drittijiet li jitħallsu għall-ħażna.

4. Meta tkun twettqet ordni ta' rekwiżizzjoni li tkun tinvolvi l-ġarr u l-ħażna ta' xi mobbli skond is-subartikoli (7), (8) u (9) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att, dak il-ġarr u dik il-ħażna għandhom jitħallsu esklusivament mir-rekwiżizzjonat, il-prokuratur tiegħu jew min jidher għalih, bir-rata fis-sena ta' Lm1.50 għal kull metru kwadru ta' spazju, jew parti minnu, okkupat mill-mobbli maħżuna u suġġett għal ħlas minimu ta' Lm5.